

# Il-Qniepen tas-Santwarju


**Robert Cassar**

*M.A.; B. Cons (Hons.); B. A. (Hons.)*


Is-Santwarju Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu hu mogħni bi grupp ta' seba' qniepen li flimkien jgħaqqdu mota armonjuża. Dawn il-qniepen tista' tgħid li sakemm saru s-settijiet intunati tal-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl u dawk tal-Bażilika tal-Porto Salvo, il-qniepen tal-Karmnu kienu fost l-isbaħ qniepen tal-Belt magħrufa mad-dilettanti tal-festi. Dan il-grupp ta' qniepen jikkonsisti fi qniepen li saru fi tliet epoki differenti bejn l-aħħar tas-seklu tmintax u l-bidu tad-dsatax. Wieħed però ma jeskludix li s-Santwarju sa mill-bidu tiegħu kellu qniepen aktar antiki li fiż-żmien iddewbu u nbidlu ma' dawn li għadna nsibu llum. Dawn il-qniepen sa mit-tnissil tagħhom daqqew kemm fil-ferħ u fin-niket. Fil-ferħ fil-festi diversi li jsiru kemm fil-Knisja Kattolika Universali, kif ukoll dawk partikulari li jsiru fis-Santwarju. Dawk ta' niket meta tindaqq tal-imwiet nhar ta' Ġimgħa fit-tlieta ta' waranofsinhar sabiex ifakkruna fil-passjoni ta' Kristu, kif ukoll daqq simili fit-tifkira tal-mejtin għeżież tagħna jew daqq simili li jsir biex iħabbru l-mewt ta' xi membru mill-komunità Karmelitana jew devoti oħra tas-Santwarju Karmelitan. Tajjeb ngħidu li dawn il-qniepen qatt ma waqfu jagħtu s-servizz tagħhom, anke waqt li l-bini tas-Santwarju l-ġdid u t-twaqqigħ ta' dak antik fis-snin ħamsin. L-ewwel ħaġa li nbniet kien il-kampnar u ladarba tlesta, il-qniepen kemm inqalgħu mill-kampnar l-antik u tpoġġew fil-ġdid biex lanqas tokk wieħed tal-ġurnata ma ntilef niftakar lil Fra Karm jgħidli. Dak iż-żmien, il-qniepen tqiegħdu b'mod proviżorju fil-livell ta' taħt fil-kampnar il-ġdid. Kien hemm l-intenzjoni li aktar 'l quddiem, il-qniepen jittellgħu fis-sular ta' fuq tal-kampnar il-ġdid, imma għadda ż-żmien u dan qatt ma seħħ. F'dan insibu li l-qniepen jduru tond mal-arkati tal-kampnar mill-ikbar sal-iżgħar bil-qanpiena l-kbira fuq quddiem tħares lejn il-koppla, ta' qabilha tħares fuq Triq Zekka, tnejn oħra, l-akbar miż-żgħar mdendla f'arkata waħda jħarsu lejn il-Palazz tal-Arċisqof u t-tlieta ż-żgħar mdendla f'arkata waħda. It-travi u l-ixkla tal-qniepen li kienu għadhom mis-snin ħamsin, kienu nbidlu qabel il-festa tal-Madonna tal-Karmnu tal-2006[1].



**Il-qanpiena l-kbira tal-1815**

Il-kampnar tal-knisja l-qadima kien pjuttost ċkejken meta komparat ma' dak tal-ġdida. Tajjeb niftakru li s-seba' qniepen kienu mqiegħda bl-eżatt fih. Insibu li l-qanpiena l-kbira kienet mdendla fin-nofs, dak ta' qabilha fl-arkata tal-faċċata tal-knisja, u t-tlieta l-kbar ta' wara fl-arkati l-oħrajn. Iż-żewġt iqniepen żgħar kienu mdendla fil-għoli fuq il-qanpiena l-kbira.



Il-qanpiena li fonda Ferdinando Leotta fl-1816



Ir-riljev ta' San Eliżew fuq il-qanpiena l-kbira

Iż-żewġ qniepen il-kbar saru mill-fonditur Sqalli Ferdinando Leotta li kien ġie jaħdem Malta ftit tas-snin qabel minn ħuh Acireale. Għalkemm ismu biss jidher mniżżel fuq iż-żewġ qniepen, jista' jagħti l-kas li ħuh Sebastiano kien qiegħed jgħinu. L-ewwel li kienet tfondiet kienet il-kbira fl-1814 u ssemmiet Lorenza għall-Prijur tal-Kunvent tal-Belt Patri Lorenzo Elija Ferrone. Huwa kien ippropona li jsiru żewġ qniepen kbar, u wara li l-approvazzjoni meħtieġa kienet waslet, tqabbad il-fonditur Leotta sabiex ifondi l-qniepen[2]. Jidher li l-qniepen tfondew f'post imħejji apposta viċin tas-Santwarju. Dan għall-fatt li dak iż-żmien kien aktar diffiċli li wieħed jittrasporta qanpiena lesta tqila milli jillesti lok fejn jista' jfondi l-metall. Aktarx li bħalma ġara f'każi kontemporanji oħrajn, Leotta uża metall minn kanuni antiki tal-bronz ta' żmien il-Kavallieri li kien qiegħed iqassam għal prezz miżeru l-Gvernatur Ingliż Maitland bħala għadd ta' benevolenza mal-Maltin[3]. Il-qanpiena l-kbira tbierket fit-30 ta' Ġunju 1815 mill-Isqof ta' Malta, Vincenzo Ferdinando Mattei. Din il-qanpiena ta' 34 qantar fiha mqabbża mal-qadd tagħha riljievi ta' Sant'Elija u Sant'Eliżew u oħra ta' San Xmun Stokk jirċievi l-iskapular tal-Karmnu mingħand il-Madonna. Sena wara jiġifieri fl-1816, saret il-qanpiena s-Sekonda. Din tbierket mill-istess Prijur Ferrone u semmiha Alberto. Il-qanpiena ddendlet fil-kampnar ftit wara[4]. Imqabbża fuq ħa nsibu din l-iskrizzjoni ANNO DOMINI M:FERDINANDUS LEOTTA FECIT u r-riljievi tal-Madonna tal-Karmnu, Sant'Elija u Sant'Eliżew. Din tiżen 25 qantar.



Il-qanpiena l-kbira l-antika magħrufa bħala 'tal-Madonna'



Medaljun barokk mill-isbaħ li juri l-Madonna tal-Karmnu fuq il-qanpiena 'tal-Madonna'

Fl-1791, il-komunità tas-Santwarju daħlet għal spiża biex tbiddel il-qniepen antiki li l-knisja kellha. Huma ordnaw sett ta' erba' qniepen f'daqqa. Dan il-fatt kien l-ewwel wieħed fl-istorja kampanoloġika Maltija. Jekk kienx



Il-qanpiena ta' Trigance ddedikata lil San Elija



It-tieni l-iżgħar qanpiena

b'kumbinazzjoni li ordnaw erba' qniepen flimkien, jew jekk kienx sempliċiment bżonn, wieħed jista' jissoponi. Dawn tfondew fil-Belt stess fil-funderija tal-Ordni ta' San Ġwann li kienet tinsab biswit il-Bieb tal-Belt (Porta San Giorgio). Kif insibu miktub fil-bronz fuq il-qniepen stess, dawn inħadmu mill-aħwa Franġisk u Ġwakkin Trigance li kienu d-diretturi tal-funderija tal-Ordni u kienu tgħallmu din l-arti tal-funderija fil-belt ta' Turin fl-Italja. Iż-żewġ qniepen il-kbar jiżnu 15-il qantar u 10 qnatar rispettivament. Il-kbira, magħrufa fost il-kampanara bħala 'Tal-Madonna' minħabba



Il-qanpiena ż-żgħira

riljiev sabiħ mezzo bust tal-Madonna bil-Bambin waqt li żżomm il-labtijiet tal-Karmnu[5]. Ġiet msemmija Marija Karmena fil-magħmudija tagħha, filwaqt li ta' warajha kienet msemmija għal Sant'Elija. Fil-fatt fuq il-qanpiena nsibu riljiev ta' Sant'Elija. Insibu fuqha wkoll din l-iskrizzjoni VIVOS EXCIO MORTUOS PLORO, li tfisser li ssejjaħ lill-ħajjin u tibki lill-mejtin. Fuq iż-żewġ qniepen żgħar imbagħad tas-sett tal-aħwa Trigance nsibu li fuq it-tieni miż-żgħar riljiev tal-qaddis Karmelitan, Sant'Anġlu martri akkumpanjat minn puttin iżomm kuruna tar-rand u palma, simboli tal-martirju ta' dan il-qaddis. Fuqha wkoll insibu l-istess skrizzjoni bħal dik li nsibu fuq dik dedikata lil Sant'Elija. Iż-żgħira nett mbagħad insibu riljiev tal-arma tal-Ordni Karmelitan.

Rigward din il-kummissjoni, insibu li l-Komunità Karmelitana tal-Belt għamlu petizzjoni mat-Teżor tal-Ordni ta' San Ġwann sabiex jixtru ammont ta' bronz li kien jinsab fil-funderija tal-Ordni għas-somma ta' 3,500 skud[6]. L-aħwa Trigance kienu għamlu kuntratt mal-patrijiet nhar it-28 ta' Marzu 1791 u ftehmu li sa sitt xhur jilħqu jlestu tliet qniepen li kellhom jiżnu bejn 14 sa 15-il qantar, 9 sa 10 qnataru 3 sa 4 qnatar b'110 skud kull qantar. Il-fondituri rċevew parti mill-ħlas tax-xogħol permezz tal-bronz li nxtara mit-Teżor u żewġ qniepen antiki li aktarx kienu fil-kampnar. Il-Kunvent kellu jagħmel tajjeb



**L-eqdem qanpiena (1753) ta' Bouchut**

għall-ispejjeż tal-ħadid tat-travi, ixkla u l-ilsna kif ukoll li jieħdu ħsieb it-trasport mill-funderija għall-knisja u l-immuntar tagħhom fil-kampnar tas-Santwarju[7].

Fl-aħħar nett insemmu l-eqdem qanpiena li nsibu fil-kampnar tas-Santwarju. Minbarra d-data 1753, insibu riljiev mill-isbaħ li għandu għamla ta' medaljun ovali mdawwar ġo girlanda tar-rand bħal qisa mmudellata fuq xi medaljun tar-rettur ta' xi konfraternità. Fiha naraw lill-Madonna bil-Bambin jżommu l-labtijiet f'idejhom mdawra minn qtajjet ta' kerubini u puttini qalb sħab voluminuż. Din l-istess immaġini nsibuha replikata fuq qanpiena fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq u oħra fil-Knisja tal-Patrijiet Karmelitani fl-Imdina. F'kuntratt notarili li jġib id-data tal-1 ta' Marzu 1753, jissemma li waqt laqgħa tal-Konfraternità tal-Madonna tal-Karmnu, li saret fil-21 ta' Frar tal-istess sena, il-Konfraternità qablet li tagħti 50 skud għax-xiri ta' qanpiena ġdida fuq tliet kundizzjonijiet, li din il-qanpiena tindaqq mal-qniepen l-oħra tal-kampnar kull meta l-konfraternità jkollha l-funzjonijiet tagħha, li jindaqqu tokki funebri b'żewġ qniepen waqt l-orazzjoni funebri tal-Ottava tal-festa tal-mejtin kollha u li jsir daqq simili waqt il-purċissjonijiet funebri tal-fratelli lejn is-Santwarju. Fuq l-istess kuntratt, jissemma wkoll li waqt laqgħa tal-Konfraternità ta' San Ġużepp ta' nhar it-13 ta' Marzu 1753, sar ftehim li jagħtu 25 skud b'risq l-ispejjeż tal-qanpiena bl-istess kundizzjonijiet li għamlet il-Konfraternità l-oħra[8]. Aloisio Bouchut li kien diretturtal-Funderija tal-Ordni ta' San Ġwann iffirma kuntratt mal-patrijiet li jfondi qanpiena ta' madwar 7 qnatar għall-ħlas ta' 100 skud kull qantar u li kellha tkun lesta għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu ta' dik is-sena. Il-patrijiet ħallsuh 300 skud minn qabel u wegħduh li jibqgħu jħallsuh 100 skud kull sena fis-snin ta' wara. Jidher li minħabba problemi fil-finanzi, il-ħlasijiet tħallsu kollha fl-14 ta' Diċembru 1762[9].

Dawn il-grupp ta' qniepen li lkoll qabżu ż-żewġ ċentinariji tagħhom minn meta saru għadhom jferrħu u jnikktu l-inħawi tas-Santwarju ddedikat lill-Madonna tal-Karmnu fil-Belt. Dawn il-qniepen, għalkemm aktar jinstemgħu milli jidhru jistgħu jitqiesu parti ewlenija tal-patrimonju artistiku u storiku li jinsab konsevat fis-Santwarju Karmelitan għażiż għal ħafna Maltin u Għawdxin.

© Kitba u Ritratti tal-awtur 2019

## Referenzi

[1] *Programm Madonna tal-Karmnu, Valletta*, 2006, p. 11.

[2] Lawrenz M. Sammut O. Carm, *Is-Santwarju tal-Karmnu*, Malta, 1952, p. 91.

[3] Ferdinando Leotta li kellu l-funderija tiegħu ġewwa l-Isla pprefera jfondi ż-żewġ qniepen kbar tal-Knisja Parrokkjali tan-Nadur maġenb il-kampnar għall-istess raġuni tal-Belt. Hawnhekk kif ukoll għall-Knisja Parrokkjali ta' Hal Lija fejn fonda qanpiena kbira mill-materjal tal-kanuni tal-bronz.

[4] *Ibid.*, p. 94-5.

[5] Fuq il-qanpiena nsibu l-iskrizjoni, CONVOCAT AVERTITQUE INDICITQUE RETUNSA/NOLA SUO POPULUM FULIMINA FESTA PRECES, (fuq ix-xoffa) FRATRES TRIGANCE FECERVNT ANNO DNI 1791.

[6] Arkivju tal-Ordni Ms. 660, p. 152; John Debono, *Art and Artisans in St John's and other Churches in the Maltese Islands ca. 1650 – 1800*, Malta, 2005, p. 314.

[7] Arkivju tan-Nutara, Nutar F. GiamalvaLoduca, R 293/7, ff. 1005v – 1008r; John Debono, *Ibid.*

[8] Arkivju tan-Nutara, Nutar J. F. Dos, R 238/19, ff. 446v – 449r; ff. 483r – 485r;John Debono, *op.cit.*, p. 291.

[9] Arkivju tan-Nutara, Nutar F.Alfano, R 15/19 (1750-53), ff. 300-53; John Debono, *op.cit.*, p. 292.